MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2008

Numru 518/2004

PULIZIJA
SPETTUR ROLAND CASSAR
SPETTUR YVETTE FARRUGIA
VS
FRANCIS CARUANA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Francis Caruana, iben Victor u Jane nee’ Cassar, imwieled il-Pieta’ fis-16 ta’ Jannar 1979, residenti fil-fond 39 Triq il-Vitorja, Isla u detentur ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 0112079(M).

Illi huwa akkuzat talli;

1). Nhar il-Hadd 27 ta’ Gunju 2004 ghal habta ta’ 3:30 ta’ filghodu gewwa l-klabb Numero Uno Volontarjament ikkaguna offizi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Ferdinand

Veneziani skond kif iccertifika Dr. C. Farrugia MD ta' l-Isptar San Luqa.

2). U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser l-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat u glied.

Ghaldaqstant filwaqt li nesebixxi l-fedina penali u estratt tat-twelid ta' l-imsemmi Frances Caruana, nitlob li dan il-kaz jigi nvestigat skond il-ligi.

Xemghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kas;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol.114) taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib il-htija fl-imputat.

Rat il-verbal tad-Difiza (a fol.115) fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi applikat minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol.130)

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti tat zmien ragonevoli ghal ripensament.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat;

Illi mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jirrizulta illi l-imputat fic-cirkostanzi ben citati mill-Prosekuzzjoni fejn l-imputat kien ikkonsma xorb alkoholiku aktar milli jiflah biex jibqa' f'kontroll tal-fakultajiet kollha tieghu u f'cirkostanzi fejn zewg zghazagh kienu qed jillatikaw u wahda minnhom hadet ghaliha, l-imputat intrometta ruhu f'din il-kwistjoni, indirizza lil kwerelant u rrabja mieghu ghal kliem horox li bihom kien indirizza lil Cynthia, tah daqqa ta' ponn b'rizultat li l-kwerelant waqa lura minn cint li fuqu kien bil-qieghda.

Il-griehi tal-kwerelant kien gravi ghaliex bid-daqqa ta’ ponn u l-konsegwenti waqa, l-kwerelant safa ksur ta’ xedaq tieghu fuq zewg nahat.

Illi l-imputat hallas ghall-ispejjes kollha tal-kwerelant konsegwenti ghal griehi tieghu u hafer lill-imputat kif jidher mix-xhieda tieghu a fol.132

Illi in segwitu ta’ l-ammissjoni tal-imputat il-Qorti hatret Probation Officer sabiex jhejji pre-sentencing report.

Illi ghalhekk il-Qorti, fuq l-istess ammissjoni tieghu, ssib lill-imputat Francis Caruana hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 214, 216, 218, 338dd tal-Kap.9, Atrikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tqieghed lill-imputat taht ordni ta’ Probation ghal perijodu ta’ tmintax-il xhar.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fedina penali nadifa ta’ l-imputat, l-eta’ giovanili tieghu, l-fatt illi huwa hallas l-ammont ta’ Lm2,500 (ekwivalenti ghal 5823.43 Euro) f’risarciment tad-dannu lill-kwerelant il-fatt primarju li l-kwerelant hafer lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------